32000R1609

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1609/2000
ta' l-24 ta' Lulju 2000
li jistabbilixxi kull elenku ta' prodotti eskluži mill-applikar ta' Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 737/90 dwar il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-importazzjonijiet ta' prodotti agrikoli li joriġinaw minn pajjiżi terzi wara l-inċident ta' l-istazzjon ta' l-enerġija nukleari ta' Chernobyl

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 737/90 tat-22 ta' Marzu 1990 fuq il-kundizzjonijiet li jirregolaw l-importazzjonijiet ta' prodotti agrikoli li joriġinaw minn pajjiżi terzi wara l-inċident ta' l-istazzjon ta' l-enerġija nukleari ta' Chernobyl [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 616/2000 [2] u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu

Billi:

(1) B'mod konformi ma' l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 737/90, il-Kummissjoni għandha taddotta kull elenku ta' prodotti eskluži mill-applikar tiegħu.

(2) L-akbar parti ta' prodotti agrikoli importati bħalissa minn pajjiżi terzi huma ħielsa minn kontaminazzjoni radjoattiva mill-inċident ta' Chernobyl jew kienu ikkontaminata ferm ħafif hekk li jippreżentaw riskju negliġibbli għas-saħħa.

(3) L-elenku ta' prodotti eskluži mill-applikar ta' Regolament (KEE) Nru 737/90, kienet ġiet stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 727/97 [3] biex tieħu akkont ta' dan.

(4) Ir-riżultati miksuba minn kull studju mwettaq għall-Kummissjoni biex tistima l-potenzjal għal importazjonijiet minn Stati Membri ta' prodotti agrikoli li jkun fihom *radiocaesium* f'eċċess tal-limiti stabbiliti fir-Regolament (KEE) Nru 737/90 jindika li żewġ prodotti oħra ta' l-ikel (te u ċerti ħwawar) għandhom ikunu eskluži.

(5) Kull stil modifikat tal-preżentazzjoni ta' l-elenku ta' prodotti li dwarhom ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 737/90 huwa applikabbli diġà ġiet introdotta bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1661/1999 tas-27 ta' Lulju 1999 li istabilixxi r-regoli dettaljati għall-applikar ta' Regolament (KEE) Nru 737/90 [4] u għandu jiffaċilita l-użu tal-elenku mill-uffiċċji doganali.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma b' mod konformi ma l-opinjoni tal-Kumitat li hemm referenza għalih fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 737/90,

ADDOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 727/97 huwa mħassar.

Artikolu 2

Kull prodott apparti minn dawk li huma elenkati fl-Anness huma eskluži mill-iskop tar-Regolament (KEE) Nru 737/90.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-24 ta' Lulju 2000.

Għall-Kummissjoni

Margot WALLSTRÖM

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU L 82, tad-29.3.1990, p. 1.
(2) ĠU L 75, ta' l-24.3.2000, p. 1.
(3) ĠU L 108, tal-25.4.1997, p. 16.
(4) ĠU L 197. 29.7.1999. p. 17.

ANNESS

ELENKU TA' PRODOTTI LI DWARHOM REGOLAMENT (KEE) Nru 737/90 HUWA APPLIKABBLI

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
0101 19 10	Żwiemel ħajjin, barra minn annimali għat-trobbija ta' razza pura, għall-qatla
0102 90	Annimali ta' l-ifrat ħajjin, barra minn annimali għat-trobbija ta' razza pura, speċi domestiċi
0103 91	Qżieqeż ħajjin, barra minn annimali għat-trobbija ta' razza pura, li jiżnu anqas minn 50 kg
0103 92	Qżieqeż ħajjin, barra minn annimali għat-trobbija ta' razza pura, li jiżnu 50 kg jew aktar
0104 10	Nagħaġ ħaj, barra minn annimali għat-trobbija ta' razza pura
0104 20 90	Mogħoż ħaj, barra minn annimali għat-trobbija ta' razza pura
0105	Tjur ħaj, jiġifieri, tjur ta' l-ispeċi *Gallus domesticus*, papri, wiżż, dundjani u tjur ta' l-Indja
0106 00	Annimali oħrajn ħajjin
Kapitlu 2	Laħam u laħam ta' l-intern li jista' jittiekel
ex Kapitlu 4	Prodotti tal-ħalib; bajd ta' l-għasafar; għasel naturali; prodotti ta' l-ikel li oriġinaw mill-annimali, li mhumhiex imsemmija jew inklużi band'oħra, minbarra prodotti ta' kodiċi NM 0408 11 20, 0408 19 20, 0408 91 20 u 0408 99 20
ex 0709 51	Faqqiegħ, frisk jew iffriżat, barra faqqiegħ ikkultivat
ex 0710 80 69	Faqqiegħ (nej jew imsajjar bil-fwar jew mgħolli fl-ilma), iffriżat, barra minn faqqiegħ ikkultivat
ex 0711 90 60	Faqqiegħ provižjonalment preservat (per eżempju, b'gas tas-surphur dioxide, fis-salmura, fl-ilma tas-sulphur (kubrit) jew f'kull soluzzjonijiet oħra ta' preserv), iżda mhux tajbin għall-ikel immedjat f'dak l-istat, barra minn faqqiegħ ikkultivat
ex 0712 30 00	Faqqiegħ niexef, sħiħ, maqtugħ, imqatta, miksur jew fi trab, imma mhux ippreparat aktar, barra minn faqqiegħ ikkultivat
0810 40	*Cranberries, bilberries* u frott ieħor tal-ġeneru *Vaccinium*, frisk
0811 90 50	Frott ta' li speċi *Vaccinium myrtillus*, nej jew imsajjar bil-fwar jew mgħolli fl-ilma, iffriżat, sew jekk għandu zokkor miżjud jew m'għandux jew xi ħaġa oħra ħelwa
0811 90 70	Frott ta' l-ispeċi *Vaccinium myrtilloides* u *Vaccinium angustifolium*, nej jew imsajjar bil-fwar jew mgħolli fl-ilma, iffriżat, sew jekk għandu zokkor miżjud jew m'għandux jew kull ħaġa oħra ħelwa
0812 90 40	Frott ta' l-ispeċi *Vaccinium myrtillus*, proviżorjament preservat (per eżempju, b'gass tas-sulphur dioxide, fis-salmura, fl-ilma tas-sulphur (kubrit) jew f'soluzzjonijiet oħra ta' preservazzjoni), iżda mhux tajbin għall-ikel immedjat f'dak l-istat
1601 00	Zalzetti u prodotti bħal dawn, tal-laħam, skart tal-laħam jew demm; preparazzjonijiet ta' l-ikel magħmula minn dawn il-prodotti

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
1602	Laħam ieħor ippreparat jew preservat, skart tal-laħam jew demm
ex 1603 00	Estratti u sugu tal-laħam
ex 2001 90 50	Faqqiegħ, frisk jew ippreservat bil-ħall jew aċidu aċetiku, barra minn faqqiegħ ikkultivat
ex 2003 10 80	Faqqiegħ, ippreparat jew preservat xort'oħra barra bil-ħall jew aċidu aċetiku, barra minn faqqiegħ ikkultivat